# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)

## Seduta mizmuma llum, 13 ta' Lulju 2016

## Rikors Numru: 111/16 CSH

## J&G Event Supplies Limited (C-45243)
## vs
## MKIC Limited (C-56106)

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' J & G Event Supplies Limited fit-18 ta' Mejju, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' sebat elef u sebgha w disghin Ewro u sebghin centezmu (€7097.70) rapprezentanti prezz ta' zewg 'purchase orders' mahruga minnha bin-numri 811 u 915 li jkopru prezz ta' servizzi inkluz armar fil-Fiera l-Kbira, konsenja ta' materjal tal-hadid u kiri ta' "fencing" waqt attivita' tad-'drifting'.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u tal-ittra legali datata 4 ta' April 2016 u bl-imghax kummercjali mid-dati taz-zewg 'purchase orders' sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' intimata li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Purtier Ronald Tabone datata 8 ta’ Gunju 2016 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tas-socjeta’ konvenuta kif moghti fir-rikors promotur (fol. 4 tergo).

Rat illi fis-seduta tat-28 ta’ Gunju 2016, is-socjeta’ konvenuta giet imsejha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta dakinhar tat-28 ta’ Gunju 2016.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Lulju 2016 is-socjeta’ konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ sebat elef u sebgha w disghin Ewro u sebghin centezmu (€7,097.70) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u tal-ittra legali datata 4 ta’ April, 2016 u bl-imghax kummercjali mid-dati taz-zewg ‘purchase orders’ sad-data tal-hlas effettiv a karigu tas-socjeta’ konvenuta.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**